**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tad-9 ta' Ottubru 2015**

**Appell Numru 180/2015G**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank A. Tabone)**

**v.**

**Ganni Azzopardi**

**Il-Qorti,**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Ganni Azzopardi, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 25678G akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Matul il-ġurnata ta' nhar is-Sibt 10 ta' Awwissu, 2013, u fil-ġranet sussegwenti fi Sqaq li jagħti għal Triq Wied is-Simar, Qala, Għawdex:-
>
> Ikkommetta vjolazzjoni tal-propjetà ta' David u Karen Muscat meta' ndaħal fi ħwejjiġhom kontra l-liġi u dana billi b'instizjoni eżerċita' jedd li jippretendi li għandu u fixkel lill-istess Muscat milli jeżerċitaw jedd illi huma għandhom billi għalqilhom l-aċċess għall-ispiera li tinsab viċin il-fond numru 32 u 33 tal-imsemmi sqaq permezz ta' tankijiet.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet tas-sub artikolu (5) tal-Artikolu 377 sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll tqiegħed kollox fl-istat ta' qabel batiet l-ispoll.
>
> Il-Qorti ġiet ukoll mitluba tapplika l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali sabiex tornda lill-imputat ma jostakolax lil David u Karen Muscat milli

jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u partikolarment ma jitħalliex jimpedi l-aċċess tal-kwerelanti għall-imsemmija spiera u dan taħt penali ta' somma flus illi tiġi ffisata mill-Qorti in mankanza.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-24 ta' Marzu, 2015, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Ganni Azzopardi ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' tlett mitt ewro (€300).

In oltre, il-Qorti, ordnat lill-imputat ineħħi t-tankijiet in kwistjoni u jerġa' jpoġġihom fejn kienu fi żmien ġimgħa mid-data tas-sentenza u f'każ li dan ma jseħħx, l-imputat ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, ammenda ta' għaxar Ewro (€10.00) għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien, u dana kif dispost f'artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rabtet lill-ħati b'garanzija personali ta' elf Ewro (€1000.00) għal żmien sena mid-data tas-sentenza fil-konfront tal-kwerelanti u dana sabiex l-imputat ma jostakolax lill-kwerelanti milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u ma jitħalliex jimpedi l-aċċess tal-kwerelanti għal-ispiera in kwistjoni.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Ganni Azzopardi ppreżentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' April, 2015, fejn talab lil din il-Qorti, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u ħtija.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda u d-dokumenti esebiti, semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell:

**5.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

David Muscat għandu r-residenza tiegħu fil-fond numru 33, fi Triq Wied Simar, Qala Għawdex u mal-istess fond għandu garaxx bin-numru 30 li akkwista b'kuntratt tal-15 ta' Novembru 2008 li fih jingħad li kien qiegħed jinbiegħ garaxx u maqjel u li l-proprjetà kienet qed tinbiegħ bl-arja tagħha u li inkluż magħha kien qiegħed jiġi trasferit ukoll id-dritt ta' aċċess għal spiera li tinsab fil-propjetà numru 32, Triq Wied Simar, Qala kif ukoll kull dritt li l-venditriċi għandha fuq l-isqaq adjaċenti għall-propjetà.

Il-konjuġi David u Karen Muscat xehdu li fl-10 ta' Awwissu 2013 l-imputat avviċina lil David Muscat u qallu ħafna diskors biex dan jirrinunzja għad-dritt tiegħu għall-aċċess għall-ispiera u anki wegħdu xi flus in kontrokambju. Wara li tkellmu, Azzopardi ċaqlaq xi krietel li kien hemm fil-viċin tal-ispiera b'mod li ħoloq ostakolu għall-parti tal-isqaq li kienet tagħti għall-ispiera. Aktar tard Azzopardi żied xi ċnagen u affarijiet oħra u xeħet xi ħwejjeġ fil-krietel. L-imputat ċaħad dan kollu għaliex xehed li fl-10 ta' Awwissu 2013 huwa kien qiegħed id-dar għaliex fit-2 ta' Lulju 2013 huwa kien għamel operazzjoni u t-tabib kien ordnalu joqghod xahrejn rikoverat id-dar minħabba l-operazzjoni. Ġiet esibita dikjarazzjoni tat-tabib Dr. Peter Muscat datata 6 ta' Lulju 2013[1] fejn jingħad li l-imputat kien ġie operat fl-istonku fit-2 ta' Lulju 2013 u intbgħat id-dar fis-6 ta' Lulju u li l-istess imputat kien ingħata parir li joqgħod jirkupra d-dar għal perjodu ta' xahrejn f'liema żmien ma kellux iġorr oġġetti tqal jew isuq. It-tabib Muscat ma ġiex prodott biex jikkonferma din id-dikjarazzjoni bil-ġurament.

6. L-aggravju tal-appellant huwa sostanzjalment wieħed u ċioè li ma jaqbilx u ma jistax jaqbel mal-konklużjonijiet li waslet għalihom l-ewwel Qorti meta sabet ħtija fl-imputat appellant u emmnet lill-kwerelanti u skartat provi skont hu ċari li kellhom iqanqlu dubbju serju jekk it-tankijiet relevanti tqiegħdux fl-10 ta' Awwissu 2013 u fil-ġranet sussegwenti.

7. Dwar dan ix-xorta ta' aggravju il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti

[1] Dok. GA2, fol. 89

tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalità biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**8.** Essenzjalment id-difiża tal-appellant hi li t-tankijiet in kwistjoni kienu ilhom fil-pożizzjoni li minnha jilmentaw il-konjugi sa minn snin qabel l-10 ta' Awwissu 2013 u ċioè fil-pożizzjoni li jimblokkaw l-aċċess għall-ispiera minn naħa tal-parti tal-isqaq fejn hemm il-fond tal-konjugi Muscat għall-parti għan-naħa tal-ispiera li tinsab fil-parti tal-isqaq fejn hemm il-fond ta' Antonia Formosa.

**9.** Id-data qofol hi d-data li għaliha hemm riferenza fl-imputazzjoni u ċioè l-10 ta' Awwissu 2013. Jekk f'dik id-data in-naħa tal-isqaq fejn hemm il-fond ta' Formosa kien aċċessibbli għall-konjugi Muscat minn naħa tagħhom tal-isqaq allura l-imblokkar ta' dak l-aċċess bit-tankijiet in kwistjoni ċertament fixkel l-aċċess tagħhom għall-ispiera in kwistjoni. Jekk f'dik id-data l-aċċess għall-ispiera minn naħa t'isfel tal-isqaq li jagħti għall-fond ta' Formosa kien ġia imblukkat bl-istess tankijiet minn snin qabel id-data tal-10 ta' Awwissu u baqa' hekk imblukkat sal-istess data allura ma jistax jingħad, kif tgħid l-imputazzjoni, li f'dik id-data l-imputat fixkel l-aċċess ta' Muscat għall-ispiera in kwistjoni.

**10.** Il-konjuġi Muscat it-tnejn xehdu li fl-10 ta' Awwissu l-imputat ċaqlaq xi krietel li kien hemm fil-viċin tal-ispiera b'mod li ħoloq ostakolu għall-parti tal-isqaq li kienet tagħti għall-ispiera. Aktar tard Azzopardi żied xi ċnagen u affarijiet oħra u xeħet xi ħwejjeġ fil-krietel. Il-konjuġi Muscat ma jiċħdux li l-krietel kienu ġia jinsabu fl-isqaq fl-inħawi tal-ispiera iżda fil-pożizzjoni li kienu ma kienux jostakolaw l-aċċess u kien biss bl-għemil tal-imputat dak inhar li t-tankijiet tqiegħdu b'tali mod li l-aċċess tagħhom għan-naħa l-oħra tal-isqaq, u konsegwentement għal dik in-naħa tal-ispiera, ġie ostakolat.

**11.** Dak li qalu l-konjuġi Muscat huwa konfortat bix-xiehda ta' Raymond Tabone li xehed li qabel daħlu fil-post il-konjuġi Muscat huwa għamel xi għaxar jew ħmistax-il sena jieħu ħsieb il-post meta dan kien f'idejn xi Ingliżi li kienu s-sidien preċedenti. Huwa żied jgħid li dak iż-żmien dawn l-Ingliżi kienu jidħlu ġol-isqaq u, skont kif kien jgħidlu s-sid, ġieli anki tellgħu ilma mill-ispiera.

Huwa sostna li l-aċċess għall-ispiera qatt ma kien ostakolat u li fis-Sajf tal-2013, u ċioè f'Lulju ta' dik is-sena, l-isqaq kien għadu miftuħ iżda meta reġa mar fuq il-post għall-ħabta ta' Ottubru jew Novembru huwa sab l-aċċess magħluq u mblukkat b'tankijiet kbar. In kontroeżami kkonferma li anki fi żmien l-Ingliżi kien hemm tankijiet fuq il-post iżda dawn ma kienux jostkolaw l-aċċess għall-isqaq u għall-ispiera.

**12.** Ix-xhud Maria Dolores Cutajar ukoll xehdet f'Ġunju 2014 li xi tlettax jew erbagħtax-il sena qabel missierha kien jieħu l-ilma mill-ispiera u kien jagħmel hekk billi jidħol fil-parti tal-isqaq in-naħa ta' fejn kienet toqghod Formosa. Dwar it-tankijiet xehedet li dawn anki dak iż-żmien kienu fuq il-post iżda ma kienux jimblukkaw l-aċċess għall-ispiera u kienu jservu sabiex jirċievu l-ilma tax-xita minn fuq bejt fl-inħawi.

**13.** L-imputat xehed u pproduċa xi xhieda in difeża. L-ewwel Qorti stqarret li x-xhieda tal-prosekuzzjoni huma aktar kredibbli u dan wara li stqarret li rat il-komportament tal-istess xhieda, b'mod partikolari tal-kwerelanti meta mqabbel ma' dak tal-imputat. L-ewwel Qorti sabet ukoll lill-imputat mhux kredibbli meta jgħid li fiż-żmien in kwistjoni ma setax joħroġ mid-dar u fejn jiċħad li f'Awwissu 2013 kien mar ikellem lill-konjuġi Muscat fid-dar tagħhom. In sostenn ta' dak li xehed l-imputat esibixxa d-dikjarazzjoni fuq imsemmija[2] tat-tabib Dr. Peter Muscat iżda l-istess dikjarazzjoni ma ġietx konfermata bil-ġurament mill-istess tabib Muscat li ma ġiex prodott xhud jew ġie prodott xi affidavit tiegħu. Inoltre, kif anki rrimarkat l-ewwel Qorti, jirriżulta li fil-5 ta' Settembru 2013, kif anki registrat fuq id-dokument stess, ġiet preżentata mill-apellant stess fil-Qorti ittra uffiċjali.

**14.** Mill-premess, u minn ċirkostanzi oħra wkoll metikolożament identifikati mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, din il-Qorti ma ssib ebda raġuni għaliex għandha tiddipartixxi mill-apprezzament tal-ewwel Qorti dwar il-kredibilità tal-imputat appellant u anzi bħala ssib li hemm raġunijiet suffiċjenti sabiex tikkondividi dak l-apprezzament.

---

[2] Ara para. 5 *supra*

**15.** L-imputat pproduċa in difeża lil Dr. Simone Grech li xehedet li f'April 2013 marret fil-post in kwistjoni fil-Qala u fil-liwja tal-isqaq kienet innotat żewġ tankijiet b'kitba fuqhom bħal "no entry" u "tidħolx" u li biex tkompli miexja fl-isqaq biex taccedi għall-bieb ta' Antonia Formosa aktar 'l isfel riedu jċaqilqu t-tankijiet għaliex altrimenti ma setgħetx tgħaddi. B'danakollu, mir-ritratt Dok. GA4, li skont id-data fuqu jidher li ttieħed fid-29 Lulju 2013 u li ġie esibit mill-istess imputat appellant, jidher li dakinhar it-tankiijiet ma kienux f'pożizzjoni li jostakolaw l-aċċess għall-isqaq fid-direzzoni ta' fejn jinsab il-bieb tar-residenza ta' Antonia Fomosa.

**16.** Ġie prodott bħala xhud ukoll il-Perit Carmelo Borg li xehed li f'Awwissu tal-1997 kien mar fuq il-post il-Qala u dak inhar kien hemm xi tankijiet li fuqhom kellhom il-kliem "out" u "auto" (aktarx kellha tkun "fuori") u li dawn kienu jimblokkaw l-isqaq tant li Antonia Formosa kellha tneħħilu t-tankijiet biex ikun jista' jgħaddi. Dan iżda kien snin qabel il-konjuġi Muscat akkwistaw il-garaxx fil-15 ta' Novembru 2008 bid-dritt ta' aċċess għall-ispiera flimkien ma kull dritt li l-venditriċi kellha fuq l-isqaq adjaċenti għall-propjetà u, tenut kont ta dak li rriżulta minn provi oħra li juru li fi żmien aktar viċin id-data tal-fatti mertu tal-imputazzjoni l-aċċess għall-parti tal-ispiera li tiġi 'l ġewwa fl-isqaq fejn hemm il-fond ta' Antonia Formosa ma kienx ostakolat u l-konjuġi Muscat setgħu għalhekk jaċċedu għall-istess spiera, dak li xehed il-Perit Carmelo Borg ma jinnewtralizzax il-provi l-oħra akkwiżiti.

**17.** Din il-Qorti, għalhekk, ma ssib ebda raġuni sabiex tiddipartixxi mill-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti u mill-konklużjonijiet dwar ħtija minnha raġġunti.

Għall-motivi premessi l-appell ta' Ġanni Azzopardi qiegħed jiġi miċħud u qiegħdha tigi konfermata s-sentenza appellata b'dan li l-perjodu ta' sena għall-finijiet tal-garanzia imposta mill-ewwel qorti għandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur